SWIEQI

**MINUTI**

**KUNSILL LOKALI SWIEQI**

**IS-SITT KUNSILL 2012 - 2015**

**SEDUTA NUMRU 02**

**L-ERBGĦA 25 TA' APRIL 2012 FL-UFFIĊĊJU AMMINISTRATTIV TAL-KUNSILL FIL-5.00P.M.**

**PREŻENTI:**

**Is-Sinjuri:**

| | |
|---|---|
| NOEL MUSCAT | SINDKU |
| Dr JUSTIN FENECH | VICI –SINDKU |
| MARIO FAVA | KUNSILLIER |
| RENE`ROSSIGNAUD | KUNSILLIER |
| MARY ANNE ABELA | KUNSILLIER |
| PAUL FENECH | KUNSILLIER (attenda laqgħa fil-5:40pm) |
| ALFRED CURMI | KUNSILLIER |
| CARMEN SAID | KUNSILLIER |

Il-Kunsillier Alexander Chechuti kien skużat għal din il-laqgħa minħabba mard.

**TALBA**

IS-SINDKU QAL IT-TALBA.

## I APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1. Il-Minuti tas-Seduta Numru 1 ġew approvati. Il-Kunsillier Mario Fava ppropona, l-Kunsillier Carmen Said issekondat.

## II KOMUNIKAZZJONI MIS-SINDKU

1. Is-Sindku nforma li kellu diversi komunikazzjonijiet ma' ufficjali tal-Pulizija dwar il-bejjiegħ tal-Fjuri (Hawker) li rama biswiet il-Grocer fi Triq Sant Andrija. Is- Sindku nforma li dwar din il-problema jidher li nstabet soluzzjoni pacifika. Il-Kunsill irrid josserva l-liġi u jipprepara pożizzjoni fuq din il-materja biex ir-residenti u l-pubbliku in-ġenerali jkun infurmat fuq dak li hu legali u dak li m'huwiex.

2. Is-Sindku nforma li kellu laqgħa ma' resident minn Triq Josef Calleya. Dan ir-resident talab li fit-tarf tat-triq tiegħu isir taraġ hekk kif ippjanat mill-MEPA. Ir-resident informa li xi residenti qed jitolbu li minnflok taraġ issir triq u għaldaqstant din tkunwisq ta' periklu għal dawk li għandhom ir-residenza tagħhom fin-niżla. Is-Sindku ssuġerixxa li dwar din il-kwistjoni għanda ssir laqgħa ma' residenti taż-żona.

3. Is-Sindku rraporta dwar periklu fin-niżla ta' Triq Josef Calleya u staqsa sabiex din it-trejqa titranġa mill-aktar fis. Is-Segretarju Eżekuttiv ħa l-inkarigu li jiġbor 3 kwotazzjonijiet għas-siment. Ix-xogħljiet issiru mill- ( MIRA Distrett ).

4. Is-Sindku nforma li kellu talba minn xi residenti għal trffic calmer u Zebra Crossing fi Triq is-Swieqi fil-vicinanza tal-Miracle Food Stores. Dan minħabba s-sewqan eccessiv kif ukoll biex ir-residenti jkollhom il-facilita' li jaqsmu għan-naħa l-oħra tat-triq ( għall-ħwienet ). Il-Kunsillier Fava rrimarka li hu kemm-il darba ikkumenta dwar double -Parking u sewqan eccessiv f'din it-triq. Il-Kunsillier kien staqsa għal iktar sorveljanza tal-Wardens bejn il-5pm u is-7pm fi 3 postijiet : Triq il-Qasam il-parti ta' isfel, Triq ta' L-Ibraġġ u Triq is-Swieqi . Sar qbil li l-Kunsillier Rene Rossignaud għandu jagħmel laqgħa ma' ufficcjal tal-Wardens bil-għan li tintstab soluzzjoni.
   Dr. Fenech irrimarka li huwa mportani li l-Kunsill jara r-rondi tal-wardens biex it-toroq sorvelljati ikunu aktar mifruxa. Huwa mportanti li l-ordni pubblika fis-Swieqi tkun kullimkien u liġi tkun għal kulħadd.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

5. Is-Sindku rraporta dwar Boundary Wall baxx fi Triq il- Għarbiel. Hu nforma li dan jista' jkun ferm ta'periklu għal dawk kollha li jiffrenkwentaw iż-żona. Hu ssugerixxa li dan għandu jogħla aktar.
   Il-Kunsill talab li ssir rikjesta lit-Transport Malta.

6. Is-Sindku nforma li fit-Triq tal-Franċiż waqa' cint tas-sejjieħ (Boundary Wall). Is-Segretraju Eżekuttiv nforma li diġa kkomunika mal-Ministeru dwar dawn ix-xogħlijiet u għandu konferma li diġa' qegħdin fuq il-programm.

7. Is-Sindku nforma li għandu pjanijiet dwar il-ġnien fi Triq is-Swieqi ( FX Ebejer) Hu ssugerixxa li parti minn dan il-ġnien issir bħala *open gym* fil-waqt li f'parti oħra issiru xi bandli għat-tfal. Is-Sindku nforma wkoll bil-possibilta' ta' xi *sponsors*. Il-Kunsill qabel mal-prinicipju. Is-Sindku ħa l-inkarigu li jitfassal programm. Is-Sindku nforma wkoll bil-possibilta' li l-Kunsill issib xi sponsors biex dan il-proġett jiġi attwat.

8. Is- Sindku qasam kopja aġġornata ta' dekasterji ( responsabiltajiet li kull kunsillier), qasam wkoll lista ta' toroq u bankini li jridu jiġu evalwati tajbin, mhux ħażin jew ħżiena. Kull kunsillier ġie mogħti madwar 10 toroq,lista tat-toroq anessa ma' dawn il-Minuti. Meta jitlesta' dan ir-rapport jintbagħat lit-Transport Malta.

9. Dwar ir-responsabiltajiet, is-Sindku kellu laqgħa ma' kull kunsillier. Dwar il kunsillier Fenech, is-Sindku informa li qed jipprova issib xi ħaġa adattata. Il-Kunsillier irrimarka li sa issa hu ma giex offrut l-ebda dekasteru. Dan jixhdu l-istess dokument li s-Sindku poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill.

10. Is-Sindku ddiskuta dwar Jum is-Swieqi. Hu ssugerixxa li dis-sena din l-attivita' tkun mifruxa fuq 3 ijiem. F' din l-attivita' għall-ewwel darba se jingħata unur lil dik il-persuna li tkun spikkat matul is-sena. Din tiġi magħżula minn bord ta' ġġudikatura. Is-Sindku staqsa lil Kunsillier Fenech biex flimkien mal-Vici Sindku jkun responsabbi minn dan il-bord. Il-Kunsillier Fenech ma kkumentax.

11. Is-Sindku nforma dwar il-periklu li jeżisti fil-bini abbandunat tal-lukanda Forum. Dan il-bini għadu mingħajr *boundary wall* u għaldaqstant qed jiġi abbużat minn xi persuni. Is- Segretarju Eżekuttiv nforma li diġa kellu kuntantti mas-Sidien, dawn qed jikkonsudraw *watchman*. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lil MEPA.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIER

Mill-Kunsillier Rene Rossignaud

1. Il-Kunsillier informa li Ġnien FX Ebejer kull ma jmur qed issir aktar popolari maż-żagħżagħ u għaldaqstant hu issuġerixxa li f'dan il-ġnien għandha ssir sistema ta' WIFI. Il-Kunsill qabel.

2. Il-Kunsillier irraporta l-bżonn ta' tabella ġdida cul de sac biswit is-Sunrise Inn.

3. Il-Kunsiller staqsa sabiex tiġi ffinalizata l-kwestjoni tas-sewwieq li għamel ħsarat fil-vettura tiegħu waqt li kien qed issuq fi Triq il-Marbat. Il-Kunsill qabel li għandhom jiġu mplimentati il-proceduri li kienu ġew diskussi fil-Kunsill precidenti. Il-Kunsill talab li fil-laqgħa li jmiss jiġu ppreżentati l-imsemmija proceduri u għaldaqstant tkun tista' tittieħed deciżjoni.

Mill-Kunsillier Mary Anne Abela

1. Il-Kunsillier nfurmat li kellha laqgħa mas-Sid ta' Torri Pawlina. Fil-laqgħa ġew diskussi l-permessi ta' tul l-attivita' kif ukoll l-istorbju tal-mistiedna li jkunu barra fit-triq fi siegħat bikrin ta' filgħodu. Il-Kunsillier infurmat li s-sid se jagħmel dak kollu possibli sabiex jirranġa s-sitwazzjoni.

Mill-Kunsillier Carmen Said

1. Il-Kunsillier nfurmat li se tibgħat ic-cirkulari lill-anzjani (Avviz) dwar il-ħarġiet li jmiss. Waħda f' Għawdex u l-oħra *Harbour Cruise*.

2. Il-Kunsillier nfurmat wkoll li diġa bdiet taħdem dwar l-attivita' Skola Sajf. Hi se tibgħat fuljett lir-residenti. Il-Kunsillier Fava qajjem il-punt li qabel ma tintbagħat informazzjoni fid-djar għandha dejjem tiġi preżentata fil-Kunsill.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT** — **Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIER - jkompli..........

Mill-Kunsillier Fava

1. Il-Kunsillier staqsa dwar jekk waslitx xi risposta dwar it- *time parking* fi Triq il-Qasam fil-vicinanza ta' St. Andrews Pharmacy. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dwar din il-materja se ssir laqgħa fuq il-post bejn is-Sindku u rappreżentanti mit-Transport Malta.

2. Rikjesta għal rifreskar ta' żebgħa fi Triq il-Gabilott, importanti li l-parking base ma jostakolawx il-garaxxijiet.

3. Id-dawl taz-Zebra Crossing ta' Triq il-Qasam ta' sikwit jkunu mitfgħin.

4. Il-Kunsillier staqsa jekk waslitx xi risposta dwar meta se jibdew ix-xogħlijiet tal-culverts fil-lokalita'. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li għadha ma waslet l-ebda risposta mit-Transport Malta dwar dan.

5. Il-Kunsillier staqsa meta se tibda' l-impjegata l-ġdida li se tieħu l-post is-Sinjura Randisi. Is-Segretraju Eżekuttiv wieġeb li din il-materja ser tiġi diskussa aktar 'il quddiem f' din il-laqgħa.

6. Il-Kunsillier staqsa jekk saritx it-talba għal aktar ħaddiema mill-IPSL. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li din it-talba saret. Ġie nfurmat li fil-preżent m'hemmx ħaddiema pero' il-Kunsill tas-Swieqi ser jkun prijorita' jekk aktar 'il quddiem jkun hemm *availability* .

7. Il-Kunsillier issuġerixxa li tinkiteb ittra lit –Transport Malta biex issiru xogħlijiet ta' tarmak fil-parti t'isfel ta' Triq l-Istasija.

8. Il-Kunsiller irrakomonda li ssir bozza ġdida fil-parti ta' fuq ta' Triq il-Qasam importanti li din tiġi eżatt fuq L'Acaccia Appartments fil-vicinanza ta' Forex Ironmongery.

9. Il-Kunsillier informa b' Reserved Parking bla bżonn fi Triq ta' l-Ibraġ wara l-Bus Stop.

10. Il-Kunsillier informa li bejjiegħ tal-ħaxix "Hawker" li jarma fi Triq ta' l-Ibraġ qed jipparkja l-vettura tiegħu bil-ħaxix fuq post riservat mal-ġenb tal-Knisja. Hu talab li għandu jsir komunikat ma' l-Awtoritajiet.

11. Il-Kunsillier ppropona li ssir bankina dejqa fil-parametru fejn ġie nsallat it-tower crane. Dan issir għas-sigurta' tar-residenti. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li din diġa' ġiet mitluba waqt il-laqgħa li saret fuq il-post ma' Transport Malta. It-talba ġiet irrifjutata minħabba li tidjieq it-triq.

**HUGH ZAMMIT** **NOEL MUSCAT**
**Segretarju Eżekuttiv** **Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIER – ikompli

Mill-Kunsillier Fava – ikompli

12. Il-Kunsillier staqsa jekk kienx ġie iffirmat il-ftehim mal-Water Services Corporation dwar ir-Reinstatement ta' servizz ta' l-ilma.Is-Segretarju Eżekuttiv nforma li l- Kunsill ta' Swieqi ma kienx daħal f' dan il-ftehim.

13. Il-Kunsillier irrimarka dwar il-problemi ta' dewmien fil-bdil tal-bozzoz meta dawn jinħarqu. Kien hemm drabi li r-residenti damu tlett ġimgħat bil-bozza maqtugħa.

Mill-Kunsillier Alfred Curmi

1. Il-Kunsillier irrimarka dwar il-bżonn ta' żebgħa safra fuq il-*calmers.*

2. Il-Kunsillier informa dwar skip barra mimlija imbarazz fi Triq l-Imagħzel. Din qed tkun ta' periklu kif ukoll tkerrah l-ambjent. Is-Sindku nforma li dwar dan hu diġa tkellem mas-sidien tal-post.

3. Il-Kunisllier staqsa meta se jitlesta x-xogħol ta' kisi bil-wire netting fil-ġnien ta' Triq is-Swieqi fi railings li saru ġodda. Is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li dawn ix-xogħlijiet qegħdin fuq il-programm.

4. Il-Kunsillier staqsa għal kopja tal-Minuti ta' laqgħa pubblika annwali tas-Swieqi u tal-Kumitat Amministrattiv tal-Madliena.

5. Il-Kunsiller staqsa jekk waslitx xi korrespondenza dwar it-toroq ġodda li żdiedu fit-Tourist Zone. Is- Segretarju Eżekuttiv wieġeb li s'issa għadt ma waslietx risposta.

6. Il-Kunsilleri Curmi staqsa meta se jagħlaq il-kuntratt tad-dawl, is-Segretarju Eżekuttiv wieġeb li l-kuntratt diġa' għalaq pero' d-Dipartiment kien bagħat Memo fejn nforma biex il-kuntratt jiġi mġedded għal sena oħra sakemm ir-responsabilta' tgħaddi għand il-Kumitati Reġjonali. Il-Kunsill insista li għandha tinkiteb ittra lid-Dipartiment u tistaqsi għall-approvazzjoni sabiex issir sejħa ġdida għall-offerti. Din tingħata għal sena sa massimu ta' 3 snin jekk il-kuntrattur jkun efficjenti.

7. Il-Kunsillier informa li x-xogħol ta' patching jkun ħafna aħjar jekk l-asphalt jiġi ippressat *b'compactor.* Il-Kunsill talab biex jinġabru stimi ta' compactor u kumpressur.

**HUGH ZAMMIT** — **Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT** — **Sindku**

## III RAPPORTI MILL-KUNSILLIER – ikompli

Mill-Vici Sindku -Dr Justin Fenech

1. Il-Vici Sindku rraporta li waslitlu korrispondeza dwar it-*time parking* fi Triq Santu Wistin. Hu nforma li se jiltaqa' mar-resident sabiex jiddiskuti r-rikjesti li hemm bżonn jiġu mplimentati fl-imsemmija triq.

2. Il-Kunsill ġie nfurmat dwar attivita' dubjuża fil-wied ta' Wied Mejxu. Il-Vici-Sindku nforma li dwar din il-materja ser jiġbor aktar informazzjoni mir-residenti.

3. Il-Vici- Sindku nforma li qed ssir kostruzzjoni ġo Triq V. Menville b' konsegwenza li inkisret il-bankina. Hu rrakomonda li din għandha tissewwa wara li jitlestew ix-xogħlijiet. Hu rrakomanda li għandhom jittieħdu ritratti tat-toroq u bankini qabel u wara li jispiċċa l-proġett biex b'hekk il-Kunsill jkollu l-provi neċċessarji. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li r-ritratti qabel il-proġett jkun diffiċli minħabba li l-Kunsill ma jkunx jaf meta se jibda' l-proġett pero' kull ħsara trid tissewwa minħabba li jekk le, il-Kunsill ma jirrelaxxax l-garanzija tal-Kuntrattur mal-MEPA.

4. Il-Vici Sindku rraporta dwar iz-zebra crossings li saru fi Triq il-Keffa u Triq V. Menville u nforma li dawn saru mingħajr konsultanzjoni mar-residenti u li saru b'mod perikoluż Is-Segretarju Eżekuttiv informa li dwar din il-materja saru diversi laqgħat ma' Transport Malta, dawn insistew li għandhom jibqgħu sakemm titlesta' l-kostruzzjoni. Il-Kunsillier Fava wkoll ikkonferma l-laqgħat li saru mat-Transport Malta u li għalihom dawn ma tawx widen.

5. Il-Vici Sindku nforma li flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv attenda seminar dwar Life Plus għajnuna ta' fondi mill-Ewropa. Dwar din l-iskema hu se jirraporta aktar fid-dettal fis-Seduta li jmiss.

6. Il-Vici Sindku ippreżenta l-pjan ta' ħidma tad-dekasteri tiegħu .Rapport anness ma' dawn il-Minuti.

| | |
|---|---|
| **HUGH ZAMMIT** | **NOEL MUSCAT** |
| **Segretarju Eżekuttiv** | **Sindku** |

## IV KOMUNIKAZZJONI MIS-SEGRETARJU EŻEKUTTIV

1. Is-Segretarju Eżekuttiv qara r-rapport dwar l-*interviews* li saru ta' żewġ applikanti li sottomettew l-applikazzjoni tagħhom għal post vakanti tas-Sinjura Randisi. Wara diskuzzjoni, il-Kunsill idecieda dwar is-Sinjorina Clarissa Schembri u dan minħabba li għanda kwalifiki tajba fl-Accounts kif ukoll ħafna esperjenza f' dan is -suġġett. Il-Kunsill qabel ma' din ir-rekomandazzjoni u għaldaqstant anoninament qabel li tintgħażel is-Sinjorina Clarissa Schembri.

2. Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżenta offerta pubblika għal *handyman Parks and Gardens.*

   Offerti sottometti kienu tnejn. Waħda Community Mental Health (Richmond Foundation) 6.25euros u oħra Ricky Caruana 7.90euros.
   Il-Kunsill idecieda dwar l-iktar offerta' vantaġġjuża dik tal-Community Mental Health. Il-Kunsill qabel li jingħata kuntratt għal sena u jista jiġi mġedded sa massimu ta' tlett snin.

3. Is-Segretarju nforma li l-kuntrattur tal-manutenzzjoni tat-toroq u bankini m' għadux fil-business tiegħu għaldaqstant hu ssuġerixxa li ssir sejħa għall-offerti ġdida. Il-Kunsill qabel anonimament li din għandha tiġi ppublikata.

## V APPROVAZZJONI TA' PAGAMENTI

1. Il-pagamenti kollha li mnizzlin fl-iskeda ta' pagamenti inkluż dawk tad-dawl li kienu ġew approvati fil-Kunsill precedenti ġew approvati.
   Il-Kunsillier Curmi staqsa sabiex il-lista tal-bulky refuse tkun anessa mal-kont tal-kuntrattur.

Il-laqgħa spiccat fid-9:30pm u sar aġġornament għal Ħamis 31 ta'Mejju 2012. fil-5pm.

**HUGH ZAMMIT**
**Segretarju Eżekuttiv**

**NOEL MUSCAT**
**Sindku**